# L-Avultun

*Der Geier*

Franz Kafka (1883-1924)
Traduzzjoni u nota ta' Manwel Cutajar

Avultun kien qiegħed inaqqar bil-goff ma' saqajja. Kien diġà qattagħli l-istivali u l-kalzetti, issa beda jnaqqar l-istess saqajja. Għal bosta drabi beda jagħti daqqiet qawwija fuqhom, imbagħad beda jdur miegħi bla waqfien, imbagħad kompla jattakka saqajja.

Għadda sinjur, waqaf għal mument iħares lejja, imbagħad staqsieni għaliex qiegħed inħalli l-avultun iweġġagħni.

"Ma nista' nagħmillu xejn," weġibtu. "Meta ġie u beda jattakkani ppruvajt inkeċċih, anki saħansitra ppruvajt noħonqu, imma dawn l-annimali huma b'saħħithom ħafna, kien se jibda jattakka wiċċi, imma jiena ppreferejt nissagrifika saqajja. Issa dawn kważi mbiċċrin kollha."

"Imma hi ħaġa tal-iskantament kif qiegħed tħalli lilek innifsek tiġi ttorturat b'dal-mod," qal is-sinjur. "Kulma jrid tir wieħed u dak ikun it-tmiem tal-avultun."

"Tabilħaqq?" staqsejtu, "u inti dan tista' tagħmlu?"

"Bil-pjaċir kollu!" weġibni s-sinjur. "Kulma għandi nagħmel hu li mmur id-dar u nġib l-ixkubetta tiegħi. Tista' tistenna nofs siegħa oħra?"

"M'iniex ċert dwar dan," għidtlu jiena, u għal mument ibbist bl-uġigħ. "Ikun xi jkun, ipprova, jekk jogħġbok."

"Mela tajjeb ħafna," qalli s-sinjur, "ngħaġġel kemm niflaħ."

Matul din it-taħdita l-avultun qagħad jisma' bil-kalma kollha, ħalla għajnejh jiġru minn fuqi għal fuq is-sinjur. Issa indunajt li hu kien fehem kollox. Ħin bla waqt fetaħ ġwenħajh wesgħin u b'ħeffa kbira tar lura ħafna biex ikun jista'

jieħu rankatura lejja, u mbagħad bħal ġavelin mitfugħ, imbotta b'qawwa kbira munqaru ġo ħalqi, sa isfel nett fil-ġewwieni tiegħi. Waqt li waqajt lura, ħassejtni nistrieħ meta ħassejtu jegħreq f'demmi, li kien qiegħed jimla kull profondità tiegħi, u jgħarraq kull post xott fija.

Din l-istorja, li l-isem oriġinali tagħha bil-Ġermaniż hu *Der Geier*, Franz Kafka kitibha bejn is-snin 1917 u 1923. Tittratta dwar il-marda li Kafka kien ibati biha, it-tuberkulożi, li fil-fatt wasslitu għall-mewt fl-età ta' 40 sena. Fl-istorja, l-avultun jippersonifika l-marda u s-sinjur hu t-tabib li kien jieħu ħsiebu.